MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 837/1999/1

**Atlas Insurance Agency Ltd.**

**vs**

**Fenici Insurance Brokers Ltd.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 15 ta’ April 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici kienet harget diversi poloz ta’ assigurazzjoni fuq ordni tas-socjeta` konvenuta ghall-klijenti tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha l-obbligu illi tigbor hi l-*premiums* minghand il-klijenti taghha u wara illi tnaqqas il-

*commission* dovuta lilha thallas lis-socjeta` attrici l-*premiums* relattivi.

Illi ghalhekk bejn is-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u s-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) is-socjeta` attrici fuq ordni tas-socjeta` konvenuta kienet harget numru ta' poloz ta' assigurazzjoni, izda minkejja dan, l-istess socjeta` konvenuta naqset milli thallas il-*premiums* illi kienu dovuti lis-socjeta` attrici.

Illi b'kollox il-*premia* dovuti lis-socjeta` attrici jammontaw ghas-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm14,345.91) kif jidher mill-i*statements* annessi u mmarkati bhala Dok A, B, C .

Illi fuq bazi regolari s-socjeta` attrici kienet tibghat lis-socjeta` konvenuta kopji tal-i*statements* relattivi u dokumentazzjoni koncernata illi kienu juru bic-car illi s-socjeta` konvenuta kienet morusa f'diversi pagamenti tal-*premia*, izda minkejja dan u minkejja illi l-istess socjeta` konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex thallas u anke ammettiet li ghandha taghti dan l-ammont, din xorta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex : -

1. Tikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm14,345.91 lilha dovuta - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-hrug ta' kull polza u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru illi gie pprezentat fid-9 ta' April 1999, tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April 1999, u Lm20 tal-konsulta, kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha,

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-13 ta' Lulju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Fenici Insurance Brokers Limited datata 20 ta' Mejju 1999 (fol 33) fejn esponiet : -

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, peress illi l-ammont rikjest mhux dovut mill-istess eccipjenti, izda mill-assigurati rispettivi koperti mill-istess socjeta' attrici, u dan *stante* illi r-relazzjoni guridika relattiva tezisti bejn is-socjeta` attrici u l-assigurat innifsu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fl-10 ta' Dicembru 1999 a fol 37 li permezz taghha rriducew it-talba kif premessa fl-atti tal-avviz minn erbatax-il elf tliet mija u hamsa u erbghin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm14,345.91) ghal tlettax-il elf hames mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm13,513.41).

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 5 ta' Gunju 2003 a fol 108 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 11 ta' Settembru 2003 a fol 113 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw zieda man-noti rispettivi taghhom u talbu lill-Qorti biex thalli l-kawza ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Marzu 2004; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha, inkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'Ordni tal-istess Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'Ordni

tal-Qorti din il-kawza giet differita ghad-19 ta' Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precendenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici qed tfittex il-hlas ta' *premia* dovuti fuq poloz ta' assigurazzjoni li harget fuq ordni tas-socjeta' konvenuta ghall-klijenti tal-istess socjeta`, ammontanti ghal Lm14,345.91 li jkopru perjodu minn 1997 sa 1999. Dan l-ammont gie ridott ghal Lm13,513.41[1] u ulterjorment ridott *stante* pagamenti li saru fil-mori ghal Lm1375.[2]

Is-socjeta' konvenuta laqghet ghal din it-talba billi sostniet li ma hemmx relazzjoni guridika bejnha u bejn l-assikurazzjoni attrici u din ghandha titlob il-hlas tal-*premia* direttament mill-assigurati taghha. Galdarba l-kuntratt ta' assigurazzjoni jigi konkluz bejn is-socjeta' assiguratrici u l-assigurat innifsu, ir-relazzjoni guridika relattiva naxxenti minn dan il-kuntratt tezisti direttament bejn is-socjeta` assigurattiva u l-assigurat.

Irrizulta li fil-mori thallas kwazi l-ammont kollu li qed jintalab b'din il-kawza, ghajr ghas-somma ta' Lm1,375. Dwar din is-somma, jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Perici Calascione li Rigward l-ammont ta' Lm1,357 qal li "*Irrid niccara li s somma ta' Lm1,375 ingabret imma qieghda mizmuma pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.*" Madanakollu spjega li r-raguni ghaliex dan l-ammont ghadu ma thallasx lis-socjeta` attrici hija peress li "*kienu ghaddejjin tentattivi ta' transazzjoni amikevoli dwar punti ta' principju kardinali li gew sollevati f'dawn il-proceduri, li pero` ma kellhomx success..Ghad fadal issir rikonciljazzjoni globali bejn iz-zewg kumpaniji li ghadha mhux konkluza".*

[1] Nota a fol. 38 tal-process.
[2] Nota a fol. 54 tal-process.

Jirrizulta ampjament minn din ix-xhieda moghtija li l-ammont li fadal bhala bilanc fuq *premia* dovut lill-Atlas Insurance Agency Limited ingabar mis-socjeta' intimata. Ghalhekk il-Qorti frankament ma tistax tifhem l-attitudni tal-intimat li baqa' jzomm dan l-ammont filwaqt li bl-istess nifs isostni li l-kuntratt ta' assigurazzjoni johloq relazzjoni guridika bejn is-socjeta` assigurattiva u l-assigurat u li l-*premium* huwa l-korrispettiv dovut mill-assigurat lill-kumpanija assikurattiva ghar-rilaxx tal-polza. Il-fatt li l-*premia* issa thallsu kollha jrendi superfluwu kull konsiderazzjoni dwar jekk Fenici ghandhomx ikunu responsabbli biex ihallsu *premia* li ghadhom ma ngabrux mill-assigurati li huma klijenti taghhom. Il-Qorti hija interessata biss fil-kwistjoni li hija l-mertu ta’ din il-kawza u mhux dwar kwistjonijiet ohra li jistghu jkunu li ghadhom pendenti bejn il-partijiet.

Kemm legalment kif ukoll fattwalment, galadarba l-ammont ta’ Lm1,375 dovut fi hlas ta' *premia* fuq il-poloz mahrugin mill-attur ingabar, din is-somma tappartjeni lill-attur u ghandu jigi mghoddi lilu. Kwistjonijiet ohra ta' rikonciljazzjoni jew konsegwenzjali ghar-*run off* li jidher li ghaddejja minnu s-socjeta` konvenuta huma estranei ghall-mertu ta' din il-kawza.

Madanakollu s-socjeta' konvenuta qed tinsisti ghall-decizjoni fuq l-eccezzjoni taghha u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-aspetti legali u fattwali tal-kaz.

Rigward il-provi prodotti l-partijiet, *tramite* r-rapprezentanti taghhom iddeskrivew il-*modus operandi* li kienet tapplika ghar-relazzjonijiet taghhom.

It-tnejn qablu li l-assigurat ihallas il-*premium* relattiv lill-*insurance broker* u dan imbaghad izomm il-*commission* dovut lilu u jghaddi l-pagament bilancjali lis-socjeta` assiguratrici. (Ara d-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' konvenuta) izda filwaqt li l-attur isostni li kien hemm relazzjoni guridika partikolari bejn il-partijiet regolata bi ftehim, is-socjeta` konvenuta baqghet issostni li r-rwol taghha kienet ta' semplici sensar (*broker)* li qatt m’hu parti fil-kuntratt finali bejn l-assigurazzjoni u l-assigurat. Per

konsegwenza, l-*insurance broker* ma jistax ikun responsabbli ghall-hlas tal-*premia* lis-socjeta' assiguratrici jekk dawn ma jingabrux l-ewwel mill-assigurat.

Jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-intimati kellhom *ninety days grace* biex ihallsu l-*premia* lis-socjeta' attrici izda ma jaqblux dwar l-iskop ta' dan it-terminu. Skont is-socjeta' attrici l-*credit period* jinghata lill-*broker* u jkollu jhallas wara l-iskadenza tieghu, filwaqt li skont is-socjeta` konvenuta, dan il-perjodu hu moghti lill-*broker* biex ikollu diskrezzjoni li jasal ghall-ftehim mal-klijent dwar modalita` tal-pagament tal-*premium* - jista' jaghti *credit terms* lill-klijent jew altrimenti jitlob il-hlas immedjat *(ara xhieda ta' Silvan Said).* Malli jiskadi dan it-terminu, il-*broker* ghandu jinforma lis-socjeta` assigurattiva li tista ' tinterpella lill-assigurat jew tikkancella l-polza.

Madanakollu jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta' intimata li meta l-assigurat ikun moruz fil-pagament, huma jinsistu li jibqghu jigru warajh biex jigbru l-hlas sabiex jithallsu l-*commission.*[3] Jirrizulta wkoll li gieli ircevew pagament mill-assigurat u zammew dan il-hlas sakemm skada l-*grace period.*

**Brian Valenzia**[4] ghas-socjeta' attrici spjega li s-socjeta` konvenuta tghaddi x-xoghol lilhom u tiehu *commission* ghas-servizzi taghha u ghandha perjodu ta' tliet xhur biex thallas l-ammont nett tal-*premia* wara li tnaqqas din il-*commission,* lis-socjeta' attrici. Dejjem kienet thallas fil-passat ghalkemm tardivament. Skont ix-xhud il-klijent huwa tal-*broker* tant li *claim* trid isir permezz tal-*broker.* Is-socjeta' attrici tibghat il-*claim form* lill-*broker* u jimliha hu. Madanakollu l-polza tohorg mill-*Atlas Insurance* favur l-assigurat. Huma johorgu l-kont lill-*broker.* Huma ma jistghux ikellmu lill-klijent tal-*broker.*

Hu spjega li s-socjeta' konvenuta nghatat *credit note* fuq *claim* fuq *laptop* li kellu jigi rimborsat ta' Lm832. "*Il-kontijiet u l-claims kollha jridu jithallsu lill-broker u mbaghad il-*

---

[3] Xhieda ta' Silvan Said u Joseph Perici Calascione
[4] Xhieda a fol. 42 et.seq.tal-process.

*broker jirranga mal-klijent."* Hu qal ukoll li jekk issir *claim* huma jonorawh minkejja li jkunu ghadhom ma thasslux il-*premium* mill-*broker* ghaliex skont ix-xhud, huma jkollhom x'jaqsmu mal-*broker.*

Xehed li kien icempel lis-socjeta' konvenuta kull gimgha biex ihallsu l-flus dovuti wara li jkunu skadew it-tliet xhur u dejjem kien iweghduhom il-hlas.

Xehed **Silvan Said**[5] ghas-socjeta` konvenuta u spjega li xoghlu bhala *insurance broker* huwa li jfittxu ghall-klijent *the best possible insurance* skont il-bzonnijiet tieghu. Wara li jgibu l-kwotazzjonijiet minn assiguraturi u l-klijent jaccetta, "*il-klijent jibqa' ghandna, nimlewlu l-'proposal form' li hija l-bazi tal-kuntratt tal-kumpanija assiguratrici."* Il-bazi tal-*proposal form* tkun ittiehet mill-informazzjoni gja mghoddija lill-kumpanija assiguratrici fuq *slip* bid-dettalji tal-klijent. Din l-informazzjoni tintela' mill-*broker.*

Qal li mbaghad jibaghtu l-*proposal form* lill-assiguratur u meta dan jigi accettat il-*broker* jinforma lill-klijent u jghaddilu *debit note* ghall-hlas tal-*premium*. Il-hlas tal-*premium* isir lill-*broker.* Il-*broker* ikun ukoll innegozja perjodu ta' *credit* ghall-hlas tal-*premium* mas-socjeta` assigurattiva. Il-perjodu ta' hlas tal-*premium* jigi stabbilit bi qbil bejn l-assigurazzjoni u l-*broker*, mhux mal-klijent u qal li "*huwa d-diskrezzjoni taghna jekk lill-klijent inhalluhx jitlaq mill-ufficcju u jhallasna wara jew ihallasx dak il-hin"* allura l-kreditu hu moghti lill-*broker* mhux lill-klijent. Il-*broker* ikollu relazzjoni ta' *account* mal-klijent u meta jhallas il-*premium* u jaghlaq il-perjodu ta' *credit,* huma jghaddu l-flus lill-assigurazzjoni li minnhom inaqqsu l-*commission* taghhom.

Dwar il-*claim* tal-*laptop*, qal li l-klijent ma kienx hallas il-*premia* u s-socjeta` konvenuta qalet lill-assiguratur biex ma johorgux cekk ghall-hlas tal-*claim* imma *credit note* biex joffsettjaw il-*claim* mal-*premium*.

---

[5] Xhieda a fol. 61 tal-process.

Meta jkun hemm *delayed payments* "*nibqghu ninsistu ahna biex nigbruh (il-premium)."*

In **kontro-ezami** qal li d*war* il-pagamenti li saru fil-mori ta' dawn il-proceduri gera wara l-klijenti u gabu l-hlas. Meta nfethet il-kawza ma kienx hemm flus li kienu mizmuma ghandhom *give or take a hundred pounds here and there.*

Xehed **Joseph Perici Calascione**[6] u qal li s-socjeta' konvenuta hija f'*run off* u m'ghadiex topera bhala *insurance broker.* Fenici kienet tahdem bhala intermedjarju bejn l-Atlas u l-klijent billi tghaddi proposti ghall-hrug ta' poloz ta' assigurazzjoni minghand il-klijent lill-Atlas Insurance. Din kienet tindika l-accettazzjoni tal-polza u s-socjeta` Fenici, bhala sensar, kienet tohrog id-*debit note* relattiva ghan-nom tal-principal lill-assigurat ghall-*premium* dovut fuq il-polza in kwistjoni.

Qal li peress li r-rwol taghhom kien ta' *middleman*, il-kuntratt isir bejn is-socjeta` assigurattiva u l-assigurat. L-obbligu ghall-hlas tal-*premium* b'ebda mod huwa impost fuq il-*borker*. Huma dejjem ittrattaw hekk mal-assigurazzjonijiet kollha.

*Inoltre* fejn l-assigurat ikun kopert b'hafna poloz u r-riskji jkunu komplessi u sostanzjali, hija l-prattika li l-assiguratur ikun jaf l-istat tal-pagament *o meno* tal-*premium*. Dawn huma identifikati fil-laqghat u komunikazzjonijiet bejn l-assikurazzjoni u l-*broker* u meta johrog *credit note*, jkun jaf jekk l-assigurat ikunx thallas jew le ghaliex ikollu *cekk* f'idejh. Kien hemm kaz fejn l-assigurazzjoni kienet staqsiet jekk il-*broker* sab xi oggezzjoni biex imur hu direttament ghand il-klijent biex jigbor il-hlas tal-*premium.*

**In kontro-ezami** xehed li normalment il-kumpanija assigurattiva ma zzomx komunikazzjoni diretta ma' assigurat taghha jekk dan ikun gie assigurat bl-intervent ta' *broker.* Jekk irid jaghmel hekk il-*broker* ikun prezenti f'kull laqgha f'dan ir-rigward.

[6] Affidavit a fol. 87 et.seq.

Rigward *claims*, fil-maggor parti ta' kazijiet per ezempju fuq vetturi, il-*claims* jitressqu mal-*broke*r pero` dan isehh bis- sahha tal-awtorizzazzjoni li l-*underwriter* ikun ta lill-*broker* biex jittratta dan it-tip ta' operazzjoni direttament hu.

Rigward hlasijiet fuq *claim* qal li l-hlasijiet li jsiru wara li tigi processata *claim* jigu mghoddijin lill-*broker* mill-kumpanija assiguratrici u huwa l-*broker* li jiehu hsieb li jhallas lill-assigurat u jikseb minghandu l-firma u l-ircevuta tieghu li l-*claim* tkun giet saldata.

L-*outstanding premia* ta’ poloz li jkun innegozja l-*broker* jitnizzlu fil-kotba tal-kumpanija konvenuta wkoll. Id-*debit note* kemm ghall-hrug ta' polza gdida kif ukoll ghar-renovament ta' polza jinhareg mill-*broker* izda issemmi l-polza jew l-*underwriter*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt</u>**

Il-Kodici tal-Kummerc bhala principju generali ma jaghmilx distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' sensara u dak stabbilit generalment japplika ghas-sensara fid-diversi ferghat tal-kummerc,[7] ghajr ghall-uzanzi tal-kummerc li japplikaw fejn il-ligi ma tipprovdix[8].

B'hekk l-**artikolu 89 jghid hekk:** Is-sensar pubbliku m’huwiex ir-rappreżentant tal-partijiet biex jgħaqqad l-operazzjoni; u jekk fit-tgħaqqid tal-affari hu jidher bħala rappreżentant ta’ waħda mill-partijiet, ma jkollux jedd għas-senserija bħala sensar.

Is-sensar huwa intermedjarju bejn il-partijiet u jizvolgi rwol fil-fazi tan-negozjati sabiex iwassal lill-partijiet ghall-konkluzjoni ta' ftehim (*intromissio speculativa) verso* l-hlas ta' korrispettiv ta' kommissjoni (*brokerage fee)*. Is-sensar huwa estraneu ghall-ftehim, proprju ghaliex huwa intermedjarju, u l-konkuzjoni tal-ftehim isehh bil-volonta` tal-kontraenti biss. Difatti s-sensar mhuwiex l-agent ta' xi

[7] Ara art. 87 tal-Kap.13 li taghmel distinzjoni fir-rigward tas-sensara hemm imsemmija.
[8] Art.3 tal-Kap.13

parti fil-konkluzjoni tal-ftehim (art.89 Kap.13) u r-relazzjoni guridika li tizvolgi b'effett tal-ftehim torbot lill-partijiet biss.

Ghalhekk ghandu ragun il-konvenut meta jghid li m'huwiex parti mill-kuntratt konkluz bejn l-assiguratur u l-assigurat u m'huwiex responsabbli ghall-hlas tal-*premia* fuq dawk il-poloz li ghadhom ma gewx onorati mill-assigurati relattivi.

Dan il-punt gie koncess mis-socjeta` attrici li tghid, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha li "*l-azzjoni odjerna mhix ibbazata fuq il-polza tal-assigurazzjoni, kif donna qed tipprova tinsinwa s-socjeta' konvenuta, izda hija bbazata fuq il-ftehim li kien hemm ezistenti bejn il-partijiet u ghalhekk, l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta 'li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet' ma treggix."*

**Relazzjoni *Sui Generis* bejn il-Kontendenti.**

Is-socjeta` attrici ssostni li bejnha u s-socjeta' konvenuta kien hemm relazzjoni partikolari *sui generis* billi s-sensar kien gie moghti diskrezzjoni u arrangamenti partikolari, li bejnu u bejn is-socjeta` attrici tezisti relazzjoni guridika dwarhom. Tghid li l-ftehim bejn il-partijiet imur ferm *oltre* dak ta' sensar u ghandha ghalhekk twiegeb ghall-hlas tal-bilanc dovut. Skont is-socjeta' attrici, il-konvenut inghata *ninety days grace* biex ihallas il-*premia*. Is-socjeta' konvenuta tinnegozja hi mal-klijent taghha dwar il-modalita` tal-hlas u "*ma tistax tippretendi li s-socjeta' attrici ghandha tbati bhala rizultat tal-ftehim li kien isir bejn is-socjeta` konvenuta u l-klijenti taghha."*

*Inoltre* s-socjeta' attrici ccitat diversi ezempji tal-mod kif ir-relazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet kienu gestiti b'turija tal-ftehim specjali ezistenti bejniethom. Qalet li l-assigurat huwa meqjus bhala l-klijent tal-*broker*; is-socjeta' assigurattiva ma tikkomunikax mal-assigurat izda trid tmur *tramite* l-*broker;* il-polza meta tinhareg, tintbaghat lill-assigurat *tramite* l-*broker* flimkien mal-kont relattiv; l-*broker* johrog *debit note* dwar il-*premium* lill-assigurat; kif ukoll li l-*premia* jithallsu lill-*broker* u mhux direttament lill-assigurazzjoni. Minbarra dan, kif anke jirrizulta mix-xhieda

tar-rapprezentanti tas-socjeta` intimata, din kienet tigri wara l-klijenti biex tigbor il-hlasijiet anke wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disghin gurnata. Huwa wkoll il-*broker* li jircievi l-*claim* u jaghmel il-*handling* tal-istess, jimla l-*claim form* u jekk il-*claim* ikun rimborsat, il-hlas isir lill-assigurat *tramite* l-*broker. Inoltre* kif ammetta Joseph Perici Calascione, il-*premiums* pendenti kienu jitnizzlu fl-*acocunts* ufficjali tas-socjeta` intimata bhala debiti dovuti lilha.

Din l-asserzjoni hija kkontestata mis-socjeta' intimata. Ix-xhieda baqghu jinsistu li r-rwol taghhom bhala intermedjarji jintemm malli l-*proposal* tigi accettata u tinhareg il-polza ta' assigurazzjoni. Li kieku wiehed kellu jaccetta t-tezi attrici, allura f'kaz li jigi registrat *claim* fuq polza partikolari, tkun l-istess socjeta` intimata li jkollha d-dritt li tircievi l-pagament tal-*claim* relattiv mentri kull ma taghmel hu li tircievi l-pagament biex tghaddih lill-assigurat.

Dwar il-perjodu ta' *ninety days grace* is-socjeta` intimata tghid li malli jiskadi dan it-terminu, jintemm id-dritt tal-*broker* li jigbor il-*premia* direttament mill-assigurat sabiex inaqqas il-*commission* tieghu. "*Anke l-perjodu msemmi huwa l-frott ta' prassi u mhux ta' ftehim ad hoc bejn il partijiet.*"[9]

**Ikkonsidrat** li in tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.[10]' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.

Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm

---

[9] Nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 116 tal-process.
[10] App.Inf. ***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – dec. fit-22 ta' Novembru 2002

certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet.[11] Mera possibbilta` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta` civili." [PA [NC] **Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et**][12].

**Ikkonsidrat** li hu pacifiku fil-ligi u fid-dottrina li sensar m'huwiex parti fil-ftehim konkluz bejn il-partijiet imma r-rwol tieghu, bhala sensar, jispicca mal-iffirmar tal-ftehim, jew, fil-kaz in ezami, mal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni. Fil-kaz in ezami, izda, u kif *del resto* jigri fil-kamp assikurattiv, l-*insurance broker* ikompli jizvolgi rwol bejn l-assikurazzjoni u l-assigurat anke wara l-hrug tal-polza peress li l-pagament tal-*premia,* kif ukoll il-*handling* u hlas tal-*claims* relattivi jsiru *tramite* il-*broker.* Difatti jirrizulta mill-provi li l-assigurazzjoni lanqas tikkomunika direttament mal-assigurat hlief bil-kunsens tal-*broker*. Izda fl-ahhar mill-ahhar, hija s-socjeta` assigurattiva li tiddeciedi jekk taccettax *claim* jew le, jew jekk taccettax *proposal* jew le, kif jiddeciedi l-klijent jekk jaccettax polza bil-kondizzjonijiet tal-assigurazzjoni bhala l-ahjar polza fuq is-suq li tghodd ghalih.

**Ikkonsidrat** li anke fir-rigward tal-pagamenti ta' *premia* u *claims,* is-sensar m'huwiex qed jagixxi *a conto suo* imma qed jigbor il-hlasijiet minn wiehed u mill-iehor biex jghaddihom lill-parti l-ohra tal-ftehim assigurattiv. Minn imkien ma jirrizulta li b'dan is-sensar qed jintrabat li jaghmel tajjeb jekk il-*premium* ma jithallasx jew jekk il-*claim* ma jigix rimborsat.

Kif xehed **Brian Valenzia** "*Ahna l-kontijiet u l-claims iridu jithallsu lill-broker u mbaghad il-broker jirranga mal-klijent. Jekk hemm ten percent ta' ghaxart elef lira, ahna inhallsu lill-broker l-ghaxart elef lira u <u>hu itihom lill-klijent</u>"* (sottolinear tal-Qorti).

---

[11] App.Civ. ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace*** *[1986] Vol.LXX.II.144*
[12] Deciza 28 April 2004

U *a contrario senso* s-sensar jigbor il-*premium* mill-assigurat, jnaqqas il-*commission* direttament u jghaddi l-bilanc lill-assigurazzjoni.

Kif xehed Joseph Perici Calascione "*L-obbligu ghall-hlas tal-premium b'ebda mod huwa impost fuq il-broker. Huma dejjem ittrattaw hekk mal-assigurazzjonijiet kollha.* Meta l-assigurat ma jhallasx anke wara l-'*grace period', normalment nibaghtu l-informazzjoni lill-kumpanija assigurattiva biex hi direttament taghmel l-interpellazzjoni legali mehtiega jew inkella tiddeciedi jekk ghadhiex tqisha marbuta bil-polza tal-assigurazzjoni. Wara li jaghlaq dan il- perjodu l-kumpanija assiguratrici tkun tista' minn rghajha u minghajr ma tgharrafna ddur fuq l-assigurat biex ihallas il- premia jew thassar il-polza. Broker mhux responsabbli ghall-gbir tal-premia."*

Illi f'ebda hin ma ngabet xi prova li s-socjeta` intimata accettat kondizzjonijiet aktar oneruzi minn dawk imposti bil-Ligi fuq sensar. Certament li sensar jidhol responsabbli ghall-hlas ta' *premia* lill-assigurazzjoni meta dawn ma jkunux ingabru mill-assigurat hija kondizzjoni oneruza li ma toperax solitament bejn assigurazzjoni u *broker,* u bhala tali ghandha tirrizulta minn ftehim car u inekwivoku. Fil-kaz odjern, din it-tezi hija kkontestasta mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` intimata, u in difett ta' prova ta' ftehim u tal-*consensus ad idem* dwar l-obbligu in kwistjoni din il-Qorti ma tistax tilqa' it-tezi tas-socjeta' attrici.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan premess tqis li s-socjeta` intimata mhix obbligata li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont dovut fuq *premia* li ghadhom ma thallsux mill-assikurati.

**Talba ghall-Hlas**

Madanakollu l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata hija fis-sens li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet ghall-*premia* li m’humiex imhallsa.

Izda jirrizulta mill-provi li fil-mori, il-*premia* gew effettivament imhallsa u ma hemmx kontestazzjoni li dawn

il-*premia*, talvolta mhallsa, huma dovuti lis-socjeta` assigurattiva bhala l-korrispettiv ghall-hrug tal-polza relattiva.

Joseph Perici Calascione ammetta li l-ammont ta' Lm1,375 ingabar mill-assigurati u qed jinzamm mis-socjeta' intimata pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri, kif gja gie rapportat iktar 'il fuq.

**Ikkonsidrat** li fid-dawl tal-provi migbura, hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet ghall-gbir tal-hlas tal-*premia* u ghat-trasmissjoni ta' dawn il-hlasijiet lis-socjeta' attrici. Biex tithallas ta' dawn il-*premia,* s-socjeta` attrici bilfors ikollha tirrivolgi lejn is-socjeta' konvenuta li gabret il-hlasijiet dovuti. Huwa ovvju li l-*Atlas Insurance Agency Limited* ma tistax iddur kontra l-assigurat galarba dan hallas il-*premium*.

Ghalhekk il-Qorti tqis li s-socjeta` intimata ghandha thallas l-ammont ridott ta' €3,202.88 lis-socjeta` attrici, liema ammont jappartjeni lis-socjeta` attrici in kwantu li jirraprezenta *premia* mhallsa lis-socjeta` intimata u minnha mizmuma fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga.

Madanakollu ma johrogx mill-provi prodotti jekk il-*commission* tas-sensar gja tnaqqas minn dan l-ammont u ghalhekk il-Qorti ser tirriserva favur is-socjeta` intimata d-dritt li tnaqqas minn din is-somma l-*commission* taghha fuq il-poloz relattivi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa'** t-talbiet attrici billi: -

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ridotta ta' tlett elef, mitejn u zewg ewro u tmienja u tmenin centezmu (€3,202.88) lilha dovuta - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi u bir-riserva favur is-socjeta` intimata tad-dritt li

tnaqqas minn din is-somma l-*commission* taghha fuq il-poloz relattivi jekk din il-*commission* tkun ghadha ma tnaqqsitx, u dan bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull *premium* inkluz fis-somma aggudikata.

L-ispejjez kollha mitluba fic-citazzjoni jithallsu mis-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------